MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2007

Appell Civili Numru. 362/2004/1

**Jacqueline Magro**

**v.**

**Wesam Swessi Ali Al-Usta, u b'digriet tat-3 ta' Novembru 2006
l-Avukat Dott. Geoffrey Mifsud Farrugia gie konfermat bhala kuratur
biex jirrapresenta lill-assenti Wesam Swessi Ali Al-Usta**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

Dan hu appell, interpost mill-attrici Jacqueline Magro, kontra sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja fis-16 ta' Marzu 2006 li permezz taghha dik il-Qorti cahdet it-talbiet kollha attrici, b'dan pero` li l-ispejjez kellhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet. L-attrici, permezz ta' citazzjoni presentata fis-26 ta' Ottubru 2004, talbet li z-zwieg taghha mal-konvenut jigi dikjarat null u invokat in sostenn ta' tali nullita` il-kawzali kontemplati fil-paragrafi (c) [qerq], (d) [difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju], (f) [simulazzjoni] u (h) [nuqqas ta' setghet intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg] tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 19 tal-Kap. 255. Tajjeb li hawn jigu riprodotti c-citazzjoni u l-eccezzjonijiet tal-konvenut kif riportati fis-sentenza appellata:
"Il-Qorti,

"Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

"Premess illi l-kontendenti zzewgu fil-21 ta' Awissu, 2001, kif jindika c-certifikat taz-zwieg anness bhala Dok. A, u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;

"Premess illi l-kunsens tal-attrici inkiseb b'qerq dwar kwalita tal-konvenut li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga u dan ai termini tal-Artikolu 19(1)(c) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

"Premess illi l-kunsens tal-partijiet kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan ai termini tal-artikolu 19(1)(d) tal-kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

"Premess illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat minhabba l-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u tad-dritt ghall-att taz-zwieg u dan ai termini tal-artikolu 19(1)(f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

“Premess illi l-konvenut, ghalkemm mhux interdett jew marid minn mohhu ma kellux fiz-zmien li sar iz-zwieg minhabba raguni temporanja setghat intelletwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg u dan ai termini tal-artikolu 19(1)(h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

“U premess illi minhabba r-ragunijiet premessi u minhabba ragunijiet ohra kontemplati fl-Att XXXVII tal-1975 li jirregola z-zwigijiet, iz-zwieg bejn il-kontendenti kien null u bla effett fil-ligi;

“Ighid ghalhekk il-konvenut ghar-ragunijiet premessi ghaliex ma ghandiex dina l-Onorabbli Qorti:

“1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fil-21 ta’ Awissu, 2001 huwa null u bla effett fil-ligi ai termini tal-Artikolu 19 (1c), (1d), (1f) u (1h) tal-Att XXXVII tal-1975 tal-Ligijiet ta’ Malta;

“2. Tordna li dina n-nullita` tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat;

“Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa’ ngunt minn issa ghas-subizzjoni;

“Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

“1. Illi l-eccipjent jaqbel ma’ l-ewwel talba attrici inkwantu din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fit-tnax ta’ Awissu elfejn u wiehed (12.08.2001) huwa null u bla effett u dan ai termini ta’l-artikolu 19 (1c), 19 (1d), 19 (1f), u 19 (1h), madanakollu fuq tortijiet imputabbli lill-partijiet ugwalment;

“2. Illi l-eccipjent jaqbel mat-tieni talba attrici li din in-nullita` tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv.”

L-isfond ta’ din il-kawza hu moghti fis-sentenza appellata hekk:

“Mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Il-partijiet izzewwgu fil-21 ta’ Awissu 2001 wara li kienu ilhom jafu lil xulxin mis-6 ta’ Marzu ta’ l-istess sena. Dak iz-zmien l-attrici kellha 27 sena, u l-konvenut, li huwa ta’ nazzjonalita’ Libjana, kellu 24 sena. Minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal. Il-partijiet isostnu li huma ma kienux preparati sewwa ghaz-zwieg, u li l-uniku raguni li kienu ddecidew li jizzewwgu kienet sabiex il-konvenut ma jitkecchiex barra minn Malta, *multo magis*, tenut kont ukoll li kien hemm pressjoni qawwija mill-genituri tal-konvenut fil-Libja sabiex dan ma jizzewwigx mara estranea ghall-kultura u religjon taghhom.

“Jirrizulta wkoll li wara li l-partijiet izzewwgu dawna bdew jghixu flimkien il-hajja konjugali, izda matul iz-zwieg bdew jizviluppaw diversi problemi li wassluhom ghas-separazzjoni fit-3 ta’ Awissu 2004. Minn dak li qalu l-partijiet stess jirrizulta li l-konvenut kien qed isibha difficli sabiex jintegra ruhu fis-socjeta` Maltija u kien qed jirriskontra diffikulta fuq ix-xoghol. Inoltre, il-koppja kienet taht *stress* stante li l-attrici kienet inistiet li jixtru appartament biex jabitaw fih u dan il-piz finanzjarju kien fonti ta’ stress u litigji. Di piu`, il-partijiet jakkuzaw lil xulxin b’ relazzjonijiet extra matrimonjali.”

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

L-ewwel Qorti cahdet it-talbiet attrici wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Fil-kaz in disamina rrizulta provat li, ghalkemm il-perijodu tal-gherusija qabel iz-zwieg kien wiehed qasir, u ghalkemm il-partijiet ikkuntrattaw iz-zwieg fiz-zmien li sar minhabba cirkostanzi temporali, ossia l-visa tal-konvenut, irrizulta assodat li l-motiv principali li wassal lill-partijiet sabiex jinghaqdu fiz-zwieg kienet il-gibda lejn xulxin u d-desiderju qawwi li kellhom sabiex jghixu flimkien. Mill-provi ma rrizultax li l-partijiet jew xi wahda minnhom kienet

priva minn dak id-discretio judicii essenzjali ghal validita' taz-zwieg, u lanqas ma jirrizulta li kien hemm mankanza ta' riflessjoni proporzjonata ghall-kuntratt matrimonjali.

"Di fatti fl-affidavit taghha l-attrici tghid hekk: "Qabel ma zzewwigna tkellimt ma C dwar jekk kienx preparat biex jizzewweg ghal fatt li hu ma tantx kellu xi hajja ta' tgawdija mal-hbieb. Hu wegibni li hu kien lest ghaz-zwieg anke minhabba l-fatt li hu gej minn kultura differenti fejn ihobbu l-familha u ma jaghtux kaz ta' tgawdija mal-hbieb u affarijiet ohrajn" [Fol.12]. Minn naha tieghu l-konvenut fl-affidavit tieghu jghid: "Jien izzewwigt biex inkun nista' noqghod ma' A". [Fol.19]. Fix-xhieda tieghu l-konvenut cahad li kien izzewweg lill-attrici unikament biex ikun jista' jghix f' Malta, u fid-deposizzjoni tieghu jghid: "Jiena kont ma' A u peress li kont inhobbha ma kontx imdejjaq f'Malta." [Fol.51].

"Inoltre jigi osservat li tant li z-zewg partijiet kienu konxji tal-unjoni permanenti li z-zwieg igib mieghu, li ddecidew li jizzewwgu f'dak il-mument proprju sabiex il-konvenut ikun jista' jghix f' Malta ma' l-attrici.

"Dawn il-konsiderazzjonijet fattwali jimmilitaw serjament kontra t-tesi tad-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju li l-partijiet qed jipproponu f'dan il-kaz. Il-Qorti hija konvinta li kemm l-attrici, li f'dak iz-zmien kellha 27 sena, kif ukoll il-konvenut, li f'dak iz-zmien kellu 24 sena u kien qed jattendi kors universitarju f'business administration, kienu ben konxji tad-dmirjiet li l-hajja konjugali ggib maghha. Di piu`, il-fatt li l-attrici hasset li kellha tiddiskuti mal-konvenut jekk dana riedx verament jizzewweg, jimmanifesta riflessjoni adegwata da parti taghha fuq il-hajja futura tal-konvenut li minn naha tieghu tant ried jghix ma' l-attrici li accetta li jizzewwigha nonostante r-resistenza da parti tal-genituri tieghu.

"Ghaldaqstant lanqas din il-kawzali ma tinsab sostnuta mill-provi u l-kunsens tal-partijiet ma jistax jitqies legalment bhala vizzjat fit-termini tal-ewwel parti tal-paragrafu [d]. Huwa minnu li meta dawna zzewwgu, il-konjugi bdew jirriskontraw id-diffikultajiet kif fuq spjegat,

anke ukoll forsi minhabba inkompatibilita` ta’ karattru, u eventwalment ir-relazzjonijiet extra maritali addebitati lil xulxin; izda dawn ic-cirkostanzi huma validi fil-ligi bhala ragunijiet ghas-separazzjoni personali u mhux ghall-annullament.

“In fine hija opportuna l-osservazzjoni li dan kien kaz, mhux ta’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja matrimonjali, izda ta’ decizjoni li hadu l-partijiet dwar hajjithom u li eventwalment irrizultat li kienet zbaljata. Dan ma jgibx l-annullament tal-kuntratt matrimonjali ghax kif jinsab ritenut: “Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta` u bla dubju ta’ xejn huwa ta’ ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-akbar rispett, ukoll jekk hija sejra thares lejh mill-punto di vista civili biss.” Dan bl-iskop li ma jigix annullat zwieg fuq ix-xewqa tal-parti jew partijiet, izda kif hekk inhu xieraq fuq is-serjeta’ u l-bazi tar-rekwiziti legali. Ghalhekk jekk l-ghazla singolari jew kongunta tal-partijiet kienet zbaljata, dan m’ ghandux iwassal sal punt li z-zwieg jisthoqqlu li jkun annullat. Mod iehor dan il-kuntratt hekk serju, ghax maghmul skond il-ligi u li jikkostitwixxi l-ligi ta’ bejniethom [kif hekk jesprimi l-Art.992] jigi stultifikat u rez insinifikanti. Kapaci wkoll jservi ta’ pretest ghal kull min iz-zwieg tieghu ma jirnexxiex biex jannulla kuntratt li jisthoqlu invece jibqa’ fis-sehh. *[App.C Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia – 28.07.1987, citata b’approvazzjoni PA[PS] Christine Ellul vs Brian Ellul – 21.10.2002 u PA[PS] Chritine Ellul vs Brian Ellul – 21.10.2002]*

“Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici ma tinsabx sostnuta mill-provi u ma timmeritax li tigi milqugha.”

**L-appell tal-attrici**

L-appell tal-attrici, minnha presentat fil-5 ta’ April 2006, huwa wiehed konfuz. Hija tibda billi tilmenta minn difetti procedurali quddiem l-ewwel Qorti li, skond hi, iwasslu ghad-dikjarazzjoni li dik is-sentenza hija “nulla u invalida u kwindi mhux enforzabbli skond il-ligi”. Subordinatament u bla pregudizzju, pero`, hija tilmenta bazikament ukoll li l-

ewwel qorti kienet skorretta fl-evalwazzjoni taghha tal-provi migjuba quddiemha (ghall-anqas hekk tifhem din il-Qorti li qed tipprova tghid l-appellanti permezz tal-aggravji enumerati (3), (4) u (5) f'pagna 6 tar-rikors ta' appell. Fl-ahharnett, hija tilmenta mill-kap ta' l-ispejjez.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Din il-Qorti sejra, qabel xejn, tirrespingi sommarjament l-ewwel zewg aggravji dwar xi "difetti procedurali" fil-procedura quddiem l-ewwel Qorti u/jew fis-sentenza appellata. Jidher li l-attrici – jew ahjar l-avukat difensur taghha – qed jipprova jikkampa dawn l-aggravji ghax, skond hu, l-appellat, fil-kors tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti ma kienx residenti f'Malta izda kien residenti l-Libja u kien jigi Malta biss ghall-finijiet ta' din il-kawza. Issa, ghalkemm huwa minnu li, kif jirrizulta mir-rikors ta' l-istess konvenut tal-14 ta' Ottubru 2005 (fol. 46) – rikors maghmul ghall-fini ta' talba ghal differiment – il-konvenut f'certu zmien ma baqax jghix Malta, il-kontroparti, li certament kienet taf b'dana l-fatt, f'ebda hin ma sollevat xi ilment jew problema quddiem l-ewwel Qorti, jew talbet in-nomina ta' kuraturi biex jirrapresentaw lill-assenti. Kien fl-interess tal-attrici li taghmel talba simili jekk deherilha li, bil-fatt li l-konvenut kien telaq lejn il-Libja u kien jigi biss ghas-smigh tal-kawza (ara, per ezempju, l-udjenza tat-3 ta' Marzu 2006 mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dott. Kenneth Gulia, fol. 50) hija setghet b'xi mod tigi pregudikata, bhal, per ezempju, pregudikata fl-eventwali esekuzzjoni tas-sentenza. Dan ma ghamlitux u halliet li l-ewwel Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha wara li addirittura l-partijiet qablu, permezz ta' nota kongunta (ara fol. 55) li huma kienu ghalqu l-provi u li l-kawza setghet tibqa' ghas-sentenza. Jigi precizat li hawn non si tratta ta' xi "eccezzjoni" ta' inkompetenza fit-termini ta' l-Artikolu 742 tal-Kap. 12 – l-ewwel Qorti certament kienet kompetenti li tisma' u tiddeciedi l-kawza *de quo*. Ghalhekk ma hux il-kaz li jintlaqghu l-ewwel talba (biex "taqsimiet fil-process tal-kawza" jigu dikjarati invalidi) u t-tielet talba (biex is-sentenza appellata tigi dikjarata nulla u invalida) kontenuti fir-rikors ta' appell. Qed tigi michuda wkoll ir-raba' talba fir-rikors ta' appell, u cioe` ghalbiex l-atti jigu

rimessi lura lill-ewwel Qorti. Kwantu ghat-tieni talba u cioe` biex jigi nominat kuratur biex jirrapresenta l-appellat assenti ghall-fini ta' dana l-appell, din it-talba (maghmula permezz ta' rikors datat 4 ta' April 2006, cioe` gurnata qabel ma gie ppresentat ir-rikors ta' appell) diga` intlaqghet, kif jirrizulta mill-okkju tal-kawza. Dawn il-kumplikazzjonijiet inutili u arkani li ssollevat l-appellanti ser ikollhom neccessarjament jigu riflessi fil-kap ta' l-ispejjez.

Nghaddu issa ghall-meritu. L-ewwel Qorti, fis-sentenza taghha, wara li osservat li ma kienx hemm l-anqas xi ombra ta' difett kif ravvizat fl-paragrafi (c), (f) u (h) tas-subartikolu (1) tal-Artkolu 19 tal-Kap. 255, ghaddiet biex tezamina l-kawzali ta' "difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha" (l-ewwel parti ta' l-Art. 19(1)(d) tal-Kap. 255). Kif inhu risaput din il-Qorti, bhala regola, ma tiddisturbax il-konkluzjoni ta' fatt milhuqa mill-ewwel Qorti. Din il-Qorti taghmel apprezzament u ezami approfondit tal-provi u tintervjeni biss jekk tkun tal-fehma li dak l-apprezzament kien manifestament skorrett b'tali mod li jekk din il-Qorti ma tintervjenix biex tbiddel (kollu jew in parti) dak deciz mill-ewwel Qorti, tkun ser issir ingustizzja manifesta.

Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi kollha bil-mod kif hawn aktar 'l fuq indikat hi tal-fehma li ma tistax taqbel mal-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti fir-rigward tal-kawzali taht l-Art. 19(1)(d). Kif inhu ormai pacifiku fil-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati, biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita` psikika jew kostituzzjonali (mhux neccessarjament psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) li wiehed jaghraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberament (jigifieri minghajr impulsi interni li jkunu nehhew il-liberta` ta' ghazla tal-persuna li tkun) fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara, fost hafna sentenzi f'dan is-sens, **Mario Mizzi v. Maris Mizzi**, Qorti ta' l-Appell 15/11/2005; **Joseph Sammut v. Alexandra sive Sandra Sammut**, Qorti ta' l-Appell 2/5/2007). Minn ezami akkurat tal-provi din il-Qorti, kuntrarjament ghall-ewwel Qorti, pjuttost tara li

l-atttrici ppruvat, sal-grad rikjest mil-ligi ghall-finijiet ta' dawn it-tip ta' kawzi, li kemm kwantu ghaliha kif ukoll ghall-konvenut appellat kien hemm, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, il-karenza ravvizata fl-ewwel parti tal-paragrafu (d) tal-Artikolu 19(1) imsemmi. Is-sitwazzjoni li sabu ruhhom fiha l-partijiet – bi pressjoni qawwija min-naha tal-familjari tieghu li ma riduhx jizzewweg lill-attrici, ghal liema pressjoni kien hemm kontrapposta l-gibda qawwija li l-attrici u l-konvenut kellhom ghal xulxin – holqot konflitt intern fihom li minhabba fih gew privi b'mod sostanzjali, ossia gravi minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg li hi mehtiega sabiex jista' jinghad li hemm kunsens validu. Dan il-konflitt intern ipprivahom minn dik il-liberta` interna mehtiega sabiex ikunu jistghu jaghtu mhux biss kunsens hieles izda wkoll li jaghrfu u jirriflettu dwar l-oggett tal-kunsens matrimonjali u cioe` dwar id-drittijiet u d-doveri essenzjali tal-hajja mizzewga (ara f'dan is-sens ukoll **Janet Portelli v. Victor Portelli** Prim Awla 14 ta' Awissu 1995). Dan il-konflitt hu rifless fil-paniku li hakimhom (lill-konvenut forsi ftit aktar milli lill-attrici) hekk kif bdew jirrealizzaw li kien ser ikollhom resistenza mill-familjari tieghu u kumplikazzjonijiet madornali derivanti minn tali resistenza. Hekk l-attrici tghid:

**"Hu kellu jlesti l-ahhar *semester* l-universita` u tkellimna wkoll li ghal April tas-sena ta' wara jinzel Malta biex ifittex xoghol u wara naraw minn hemmhekk. Jien kont urejt lil Wesam bix-xewqa tieghi li ma xtaqtx nizzewweg u Wesam kien accetta. Wara dik il-gimgha bqajna b'kuntatt bit-telefon, izda gara li ghall-bidu ta' Gunju jien stedintu ghat-tieg ta' ohti izda l-familjari ma hallewhx. Ma kienux favur ir-relazzjoni taghna ghar-raguni ta' kultura u religjon. F'nofs Gunju Wesam cempilli u qalli li missieru ppreparalu *engagement party* ma' tfajla li Wesam ma kienx jaf u li sahansitra gabha d-dar biex ilaqqghu maghha. Ovvjament it-tnejn li ahna ppanikjajna ghax ma xtaqniex nitilfu lil xulxin. Xi jiem wara Wesam qalli li ahjar jigi Malta bil-mohbi ta' missieru ghaliex fil-25 ta' Gunju kellu jsir dan l-*engagement*. Hu nizel fit-23 ta' Gunju wara li ghenuh xi hbieb biex missieru ma jindunax. Meta gie Malta ippanikjajt ftit ghal fatt li kont**

**naf li meta missieru se jsir jaf kien ha jinqala' hafna nkwiet. Fil-fatt nizel anke zijuh biex ifittxu. Ma kienx hemm mod iehor hlief li nizzewgu biex hu ma jkollux ghalfejn johrog minn Malta. Qabel ma zzewwigna tkellimt ma' Wesam dwar jekk kienx ippreparat biex jizzewweg ghal fatt li hu ma tantx kellu xi hajja ta' tgawdija mal-hbieb. Hu wegibni li hu kien lest ghaz-zwieg anke minhabba l-fatt li hu gej minn kultura differenti fejn ihobbu l-familja u ma jaghtux kaz tat-tgawdija mal-hbieb u affarijiet ohrajn."** [1]

Il-konvenut ighid hekk:

**"Meta giet lura, ergajna bdejna nohorgu flimkien u l-istorja bejnietna sserjat hafna. Qaltli li hi kienet hassret minn mal-*boyfriend* taghha u ghalhekk jiena hadt ir-ruh. Iz-ziju tieghi sar jaf b'din ir-relazzjoni u keccieni mix-xoghol. Il-genituri tieghi saru jafu b'din ir-relazzjoni wkoll u kienu rrabjati hafna ghalija. Bhala t-tifel il-kbir tal-familja missieri kellu pjanijiet ohra ghalija. Dak in-nhar ahna spiccajna izda filghaxija hi giet tfittixni u rrangajna l-affarijiet bejnietna.**

**"F'Mejju hi marret lura Malta, u wara ftit jien gibt skuza mal-familja tieghi biex immur Malta halli nkun nista' niltaqa' maghha. Iltqajna u domna flimkien gimgha. Wara din il-gimgha jiena mort lura l-Libja izda bqajna nikkuntattjaw lil xulxin. Missieri ghamilli hafna bsaten fir-roti biex ma nkunx nista' niltaqa' maghha. Sahansitra rrangali zwieg ma' tfajla Libjana li jiena ma kontx naf u qatt ma kont iltqajt maghha qabel.**

**"Din l-ahbar ma kontx qed nistenniha. Iggennint u cempilt lil Jacqueline biex nghidilha x'inhu jigri. Hi haditha bi kbira hafna u ssuggerietli biex immur Malta izda jien ma kellix flus ghax missieri kien qed izommli kollox. Spjegajtilha li ma kienx facli li ninzel Malta minhabba x-xoghol u l-futur izda hi serrhitli rasi u qaltli zgur jirnexxilna. Jacqueline baghtitli xi flus (600**

[1] Affidavit tal-11 ta' Marzu 2005, fol. 12.

**dollar) u bihom jiena hrabt mid-dar u gejt Malta. Hadd mill-familja tieghi ma kien jaf x'ser naghmel.**

**"Gejt Malta, Jacqueline kienet qed tistennini l-*airport* u flimkien morna l-flat taghha fejn hi kienet toqghod wahedha. Ghamilt gimghatejn imsakkar id-dar taghha ghax hi kienet qed tibza' li jigi z-ziju tieghi ifittixni jew li jsir jaf l-*ex boyfriend* taghha. Tkellimna fuq x'ser naghmel ghaliex il-viza tieghi ghal Malta kienet biss ta' gimghatejn. Jacqueline issuggerietli li nizzewgu ghax fic-cirkostanzi ma kienx hemm triq ohra. Dan ghalija kien xokk ghax l-unika darba li konna tkellimna flimkien fuq zwieg hi kienet qaltli li hi ma rieditx tizzewweg.**

**"Jien pero` accettajt ghax kont hrabt mid-dar proprju ghax kont migbud lejn Jacqueline filwaqt li ma ridtx immur lura l-Libja ghax kont naf li kien ikolli nizzewweg skond ir-rieda ta' missieri. Jien cempilt lil missieri u ghidtlu b'kollox. Dak il-hin hu qalli: inti ma ghadx ghandek familja il-Libja u issa qieghed wahdek. Jiena iddispjacini hafna b'dan id-diskors izda webbist rasi u zzewwigt f'Awissu 2001, jigifieri hames xhur wara li kont iltqajt ma' Jacqueline.**

**"Jien izzewwigt biex inkun nista' noqghod ma' Jacqueline. Ma zewwigtx biex inkun nista' noqghod Malta bhalma hawn hafna li jaghmlu, pero` llum meta nara l-affarijiet kif graw nista' nghid li ghaggilna hafna u ma konniex nafu ghal x'hiex dehlin."** [2]

Il-konflitt intern naxxenti minn din is-sitwazzjoni hu, ghalkemm indirettament, korroborat minn dak li jghidu fl-affidavits taghhom kemm Paul Salnitro[3] kif ukoll Jennifer Laamouz[4], u direttament mill-kontro-ezami tal-konvenut tat-3 ta' Marzu 2006 kondott quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dott. Kenneth Gulia[5].

---

[2] Affidavit tal-konvenut tal-15 ta' April 2005, fol. 18 u 19.
[3] Fol. 38.
[4] Fol. 40.
[5] Fol. 50-51.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tilqa' l-ewwel talba attrici billi tiddikjara z-zwieg bejn il-kontendenti celebrat fir-Registru Pubbliku fil-21 ta' Awissu 2001 null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi civili u dan minhabba li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha; tilqa' wkoll it-tieni talba attrici (ghalkemm proprjament din it-talba hija superfluwa). Fic-cirkostanzi, inkluz l-fatt li l-appellanti qanqlet kwistjonijiet fieragh fir-rikors taghha kif aktar 'l fuq spjegat f'dan il-gudikat, l-ispejjez kollha kemm ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' dana l-appell ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------